# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 9 TA' NOVEMBRU, 2000.

**Kawza Nru. 35.**
**Citazz. Nru. 1689/00 JRM.**

**MLR IMPORTS Limited.**

**vs**

**B. B. & B. Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' konvenuta wara li ppremetiet;

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitur a favur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, tliet mija u tmienja u sebghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1378.26) rapprezentanti f'bejgh u konsenja ta' merkanzija li tikkonsisti f'oggetti relatati ma' pets (Dok A);

Illi s-socjeta' konvenuta ghalkemm interpellata sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara s-socjeta' konvenuta debitur a favur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf, tliet mija u tmienja u sebghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1378.26), oltre imghax legali;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tliet mija u tmienja u sebghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm1378.26), oltre l-imghax legali;

Bl-ispejjes tal-mandat ta' sekwestru numru 2668/00 u l-mandat ta' qbid numru 2667/00 u tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Lulju 2000 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'sebgha mitt liri Maltin (Lm700.00) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettew it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** limitatament ghas-somma ta' sitt mija tmienja u sebghin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm678.26) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**9, ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**9, ta' Novembru, 2000.**